# IL-MIĠJA TA' MAROZZ

Marozz żagħżugħ ibigħ is-saħħa u ta' almu liema bħalu fit-tiswija tal-magni, fil-kaldaruni u f'mitt tentufa oħra ta' din il-għamla, ħtieġlu jħalli l-Gżira u jerħilha lejn l-Amerki. Dam daqs għaxar snin u kiel ħobż u melħ kemm felaħ sa ma "għaqqad-hom," inbagħad dawwar mill-ġdid denbu l'hawn. Biex ma ninħbewx wara subgħajna, ħalla qabel ma telaq il għarustu, daqsxejn ta' tfajla, il-ħlewwa tagħha ħwejjeġ kbar! Warda maltija bellusija titbexxaq, f'suritha, fi kliemha li kien ħelu għasel tal-Mellieħa! Iżda ħej kienet fiergħa! tħobb tiftaħar b'rixha! u balleċ din il-frugħa webblet lil Marozz tagħna biex jarma qluħu u jparpar il-barra minn Malta, ifaddal xi sold, u mill-ġdid idawwar denbu l'hawn biex jagħmel tiegħu għal dejjem bil-barka tas-Sema u l-art din il-ħalja ta' tfajla. Fuq il-mirkeb moħħu sar qartalla msawra ġmielha! thewdin ġej, thewdin sejjer: ħanut kbir tal-merċa mimli qordiena bil-bejgħ, ħanut tax-xorb, karti tat-tnidijiet, tieġ biż-żfin, l-aħjar nies ħaddara, daqq, mixi-għla... sa ma l-ħoss tal-ankra msadda nebbħu li waslu u stallaw taħt il-Barriera. Niżel. Għadda d-Dwana. Rikeb karrozzin, mexxi. Ieqaf, ħalli nieħdu bexxa. Iż-żiemel waqaf biswit ta' Lies sewwa. "Sinjur afli ma nixrobx minħabba l-aċtu li għandi" u jmiss driegħu. Marozz. Tal-ħanut ara xi jrid jixrob dar-raġel. Mela sinjur nieħu 'mastka' la ġiet hekk. "Magħfusin wisq aħna tal-"inġenji" dawn id-dinja ta' karrozzi, aħraq din min ġiebom l'hawn. Ilni ma naqla ħaqq il-ġwież qatigħ, iżda l-bieraħ ipprovda, mela mort in-Naxxar għaliex ħatni qalli hemm min ibigħ il-għalf b'irħis, u kif fiġġejt fir-raħal, jiġu fuqi. Mikri? Le, ejja, tieġ. Ħbatna mhux ħażin, u, sinjur, qlajna erba xelini.

Marozz li kien jixrob, f'daqqabħal indehex, u bil-*white label* għaddej minn griżmu: Ta' min kien? staqsieh waqt li sammar għajnejh donnhom xrar f'dawk tal-karrozzier."

Jien ma nafx għax qajla nimraħ l-hemm, smajthom isemmu li tejġet tal-"Baqar" ma'wieħed li jagħmilha tajjeb billi jittrafka fil-qmuħ!... jaqaw mintix fiha sinjur? Narak sfart bħal zuġ-lanta, din l-imgħarqa sħana bdiet tifga n-nies, puħ! "u qanqal il-birritta minn lokha. Nistgħu mmorru?

Marozz donnu bit-terzana xeħet "tmintax fuq l-irħama tal-bank, u bla ma stenna l-bqija ħareġ iżomm bħal mixrub minn żilżla ma' spalliet il-karrozzier, tala' mqanżaħ, imqanżaħ fil-vitorja, mita din tħarket, niżżel rasu fuq sidru itigħem dak l-imrar qalil u aħrax li bla ma qatt f'elf sena basar kellu jixrob ma' dak il-grokk bil-bxara li tah tal-karrozzin fil-miġja tiegħu f'Malta. CARM. ABELA HYZLER.

Tas-Sliema 13/5/32.

*(Din magħżula mill-kitba tal-barranin.)*